MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2004

Rikors Numru. 15/2004/1

Victor **AQUILINA** pro et noe et

vs

**L-AVUKAT ĠENERALI**

**Il-Qorti:**

Illi dan huwa degriet għall-finijiet tal-artikolu 173 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta wara talba magħmula mill-Avukat Dottor Tonio Azzopardi waqt is-smigħ tal-5 ta' Ottubru, 2004, biex din il-Qorti tħallih jidħol fil-kawża *in statu et terminis* għar-raġunijiet minnu mfissrin fil-verbal tal-istess smigħ;

Illi għal din it-talba, ir-rikorrenti opponew, ukoll għar-raġunijiet imsemmijin minnhom fl-istess verbal;

Illi għandu jingħad li t-talba li qiegħed jagħmel l-Avukat Azzopardi m'hijiex l-istess bħat-talba li kien għamel l-intimat biex jissejjaħ fil-kawża l-istess avukat, liema talba din il-Qorti diġa' ċaħdet b'degriet tagħha tal-25 ta' Mejju, 2004;

Illi, min-naħa l-oħra, l-oġġezzjonijiet siewja u pertinenti li r-rikorrenti kienu ressqu kontra t-talba tas-sejħa fil-kawża tal-avukat Azzopardi m'humiex iżjed pertinenti u siewja fil-konfront tat-talba tal-avukat Azzopardi nnifsu li jitħalla jidħol fil-kawża *in statu et terminis*. Dan jingħad għaliex – għalkemm jixxiebhu – is-sejħa fil-kawża u l-intervent (volontarju) fil-kawża *in statu et terminis* m'humiex l-istess;

Illi fis-sistema proċedurali Malti, il-liġi tagħraf bejn dak li hu msejjaħ fil-kawża minn xi waħda mill-partijiet (intervent ko-att) u l-intervenut fil-kawża minn jeddu (intervent volontarju); filwaqt li tal-ewwel jitqies bħala parti fil-kawża għal kull fini u effett tal-liġi, tat-tieni, minkejja l-interess ġuridiku li jista' jkollu (u dan huwa sewwasew l-ingredjent waħdieni li jsejjes l-għażla

tiegħu li jindaħal f'kawża li tkun miexja bejn terzi), ma jsir qatt parti, għalkemm is-sentenza li tingħata jkollha effett ta' ġudikat dwaru wkoll[1];

Illi din id-distinzjoni ilha żmien tiġi magħrufa mill-Qrati tagħna u jidher li din il-fehma baqgħet ma nbidlitx wisq maż-żmien[2];

Illi, skond l-imsemmija sentenzi, dan il-prinċipju jibqa' japplika wkoll fejn l-intervenut ikun tħalla jressaq atti waqt is-smigħ tal-kawża[3], jiġifieri wara li jkun għalaq l-istadju tal-proċedura bil-miktub;

Illi, minbarra dan, l-intervenut jidħol fil-kawża fil-qagħda jew l-istat li din tkun waslet fiha meta jindaħal u l-proċess ġudizzjarju ma jitreġġax 'lura minħabba d-dħul tiegħu fil-kawża. Minbarra dan, il-liġi nnifisha tipprovdi li persuna tista' tindaħal f'kawża li tkun għaddejja bejn partijiet oħrajn, imqar jekk tkun diġa' telgħet fl-istadju tal-appell[4];

Illi, b'żieda ma' dan għandu jingħad ukoll li, bħal fil-każ tal-istitut tas-sejħa fil-kawża (li jaqa' taħt l-istess Titolu tal-Kodiċi tal-Proċedura), l-istitut tal-intervent fil-kawża huwa maħsub biex, kemm jista' jkun, ikun hemm ġbir f'kawża wa]da ta' l-interessati kollha possibbli bil-ħsieb li ma jfaqqsux iżjed kawżi dwar l-istess kwestjoni;

Illi ngħad ukoll li l-interess li huwa meħtieġ biex l-intervenut jitħalla jidħol f'kawża m'huwiex l-istess bħal dak tal-imħarrek. Kemm hu hekk, minbarra li l-intervenut, kif ingħad, la jitqies li huwa parti fil-kawża bħalma wieħed iqis lill-attur jew lill-imħarrek, huwa għal kollox possibbli li min jindaħal jagħmel dan mhux biss fuq in-naħa tal-imħarrek imma wkoll fuq in-naħa ta' min fetaħ il-kawża. Din hija ħaġa li, fis-sejħa fil-kawża, ma ssirx għaliex min jissejjaħ fil-kawża b'mod ko-att (ukoll f'dawk iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali fejn dan isir fuq talba tal-attur) isir jixbah 'il-imħarrek;

[1] Ara App. Kumm. **17.11.1971** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Ellul Sullivan noe vs Victor Abela noe et***

[2] Ara P.A. **30.11.1922** fil-kawża fl-ismijiet ***Paċe Axiaq vs Lapira*** (Kollez Vol: **XXV.ii.208**); P.A. **20.6.1936** fil-kawża fl-ismijiet ***Cortis et vs Staines*** (Kollez. Vol: **XXIX.ii.116**); u App. Ċiv. **19.4.1943** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud et vs Morana et*** (Kollez. Vol: **XXXI.i.321**)

[3] Ara App. Ċiv. **8.5.1905** fil-kawża fl-ismijiet ***Testaferrata Bonici vs Testaferrata Bonnici noe et*** (Kollez. Vol: **XIX.i.90**)

[4] Ara App. Ċiv. **20.12.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruſia vs Stivala*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.477**)

Illi, għalhekk huwa prinċipju aċċettat li min jindaħal fil-kawża minn rajh, u mogħni bl-interess meħtieġ, ma jagħmilx dan bilfors fl-interess tal-imħarrek, imma fl-interess tiegħu, li jista' jkun jikkontrasta 'l dak tal-imħarrek[5];

Illi, fil-każ preżenti, l-ewwel oġġezzjoni li r-rikorrenti ressqu (u seħqu fuqha aktar minn darba) kontra t-talba għall-intervent hija li l-proċedura kostituzzjonali hija immirata li tindirizza lment ta' ksur ta' jedd fondamentali u li dan l-ilment ikun indirizzat lill-Istat u mhux lil individwu. Huma jżidu jgħidu li l-azzjoni tagħhom m'hijex azzjoni popolari kif maħsub fl-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni, fejn kull min jidhirlu jista' jitlob li jitħalla jidħol f'kawża mingħajr m'għandu għaliex juri xi interess partikolari. Filwaqt li, fil-qofol tagħhom, tali dikjarazzjonijiet huma minnhom, dan ma jfissirx li f'kawża ta' xejra kostituzzjonali huwa biss l-Istat li jista' jieħu sehem f'kawża bħal din mal-persuna mġarrba. Kemm hu hekk, huwa llum il-ġurnata mgħallem[6] li f'kawżi bħal dawn jeżistu tliet tipi ta' "konvenuti": (a) l-ewwel hemm dawk li allegatament huma direttament jew indirettament responsabbli tal-għamil jew omissjoni li ġġib il-ksur tal-jedd fondamentali partikolari mħares mil-liġi; (b) it-tieni hemm dawk li, minħabba l-għamil jew l-omissjoni ta' xi persuni, iridu jagħmlu tajjeb għall-ħsara li l-vittma tal-ksur tal-jedd fondamentali tkun ġarrbet b'dak l-għamil jew b'dik l-omissjoni; u (ċ) it-tielet huma dawk li jkunu fil-kawża meta l-kwestjoni kostituzzjonali tinqala' dwar jew waqt xi proċeduri ġudizzjarji;

Illi filwaqt li l-ġudizzju f'din il-kawża kif bħal issa kostitwit huwa sħiħ, huwa mgħallem li l-għan tal-istitut li persuna titħalla tidħol minn rajha fil-kawża huwa dettat, mhux mill-ħtieġa li tagħmel il-ġudizzju wieħed sħiħ, imma mill-interess ġuridiku li dik il-persuna turi lill-Qorti li għandha fl-eżitu tal-kawża bejn persuni oħrajn;

Illi fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, u mit-talba tar-rikorrenti nfushom, joħroġ ċar li l-mira tagħhom fl-ilment ta' ksur ta' jeddijiet

[5] Ara App. Kumm. **28.7.1987** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Galea vs Cardona*** (Kollez. Vol: **LXXI.i.329**)
[6] Ara, per eżempju, P.A. Kost (RCP) **10.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Kenneth Brincat vs Avukat Ġenerali et***

kostituzzjonali tagħhom huma s-sentenzi mogħtijin mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-5 ta' Novembru, 1999, u dik konfermatorja tal-Qorti tal-Appell Superjuri Ċivili tas-27 ta' Ġunju, 2003. Dawk is-sentenzi kellhom, fil-qofol tagħhom, eżitu favur l-avukat Azzopardi, li kien l-attur fil-kawża li fi ħdanha dawk is-sentenzi ngħataw. L-avukat Azzopardi ma jistax ma jkollux interess f'dawk is-sentenzi li llum jikkostitwixxu għalih titolu eżekuttiv;

Illi fit-talba tar-rikorrenti f'din il-kawża l-Qorti qegħda tiġi mistiedna tagħti r-rimedji, tagħmel ordinijiet u tagħti dawk id-direttivi sewwasew dwar l-imsemmija sentenzi. Dawk it-talbiet ma jeskludu bl-ebda mod il-possibilita' (jekk mhux saħansitra l-probabbilta') li l-Qorti titntalab tippronunċja ruħha fuq l-effikaċja tas-sentenzi li minnhom ir-rikorrenti jilmintaw. Il-kawżi ma jsirux fl-arja u r-rimedju mitlub ma jidhirx li jikkuntenta ruħu b'eżerċizzju akkademiku astratt. L-interess tal-avukat Azzopardi, għalhekk, fiż-żamma fis-seħħ tat-titolu eżekuttiv maħluq bis-sentenzi jħaddan fih l-elementi kollha li wieħed jistenna minn interess ġuridiku, jiġifieri li jkun dirett, attwali u leġittimu. Dan jgħodd ukoll minkejja li, bl-intervent tiegħu f'dan il-waqt u f'dan l-istadju tal-kawża, l-avukat Azzopardi ma jsirx parti intimata f'din il-proċedura;

Illi, stabilit l-imsemmi interess, il-Qorti ssib li ma jagħmel l-ebda differenza li t-talba għall-intervent qegħda ssir f'kawża ta' bixra kostituzjonali. Imkien ma jingħad u mkien m'huwa miċħud li l-istituti proċedurali ewlenin li wieħed isib fi proċediment ċivili "normali" ma jistax ukoll isibhom u jħaddimhom fi proċedura kostituzzjonali. Fejn il-liġi u l-proċedura ma jiddistingwux[7], m'huwiex sewwa li titħalla ssir id-distinzjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda ssib mistħoqqa t-talba ta' l-avukat Dottor Tonio Azzopardi biex jitħalla jidħol fil-kawża *in statu et terminis*, u qegħda għalhekk tordna li l-atti tar-Rikors ikunu jirriflettu dan il-fatt.

[7] App. Ċiv. **29.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Anġlu Abela vs Joseph Żahra et***

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------